MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-7 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 271/2005

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-5 ta’ Awwissu, 2005 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-attur A u l-konvenuta B izzewgu fit-23 ta’ Settembru 1999 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok WG 1;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja illi ghamlitha impossibbli ghall-partijiet illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-attur ghaz-zwieg imsemmi inkiseb b'qerq dwar kwalita' tal-konvenuta li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga kif ser jigi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghalhekk z-zwieg bejn il-partijiet hu null u invalidu skond il-ligi;

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tat-23 ta' Settembru 1999 fuq imsemmi hu null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenuta debitament notifikat ma ppresentatx nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci skond il-ligi.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavit tal-attur.

Semghet ix-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Frar, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-23 ta' Settembru 1999 a bazi tal-Artikolu 19 (1) (c) u (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-konvenuta hija kontumacji u ma ressaqitx provi izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*f'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-Ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-ziewg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu, l-istess zwieg ghandu jigi annullat, pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju*." (<u>Anna Tonna vs Alexander Tonna</u> deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Dan japplika anke f'kaz ta' ammissjoni izda japplika izjed f'kaz fejn il-konvenut huwa kontumacji u ghaliex hu risaput illi l-kontumacja fl-ordimament guridiku taghna hija kontestazzjoni u mhux ammisjoni.

L-artikoli citati mill-attur jirrigwardjaw;

19 (1) (c) – il-kunsens inkiseb b'qerq dwar il-kwalita' tal-parti l-ohra li mix-xorta tieghu jista' jfixkel serjament il-hajja mizzewga;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja psikologika li

taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Mill-provi mressqa mill-attur il-Qort hija konvinta li gia' fil-mument taz-zwieg il-konvenuta kellha problema serja ta' droga illi ma kienitx tippermettilha jkollha gudizzju opportun biex tidhol ghall obligazzjonijiet matrimonjali. Dan jirrizulta mhux biss mill-affidavit tal-attur, izda ferm iktar mid-deposizzjoni tad-Dottoressa Sammut illi ikkonfermat illi minn zmien qabel iz-zwieg il-konvenuta kellha problemi medici serji. Il-Qorti ghandha ukoll il-konvinzjoni li l-attur dwar dan ma kien jaf xejn. Ghalhekk jirrizultaw iz-zewg kawzali msemmija.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fit-23 ta' Settembru, 1999 u tordna li ssir l-annotazzjoni mitluba mid-Direttur tar-Registru Pubbliku. L-ispejjes ikunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------